MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 773/2011

Socjeta' 360 Food Import Limited (C-46590).

Vs

Pierre Calleja.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€841.71) minghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilu mis-socjeta' attrici. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 2011, u tal-ittra legali tal-20 ta' Lulju 2011 u bl-imghax tat-8% mit-8 ta' Marzu 2011 sal-hlas effettiv, u inkluz Ewro 23.30 konsulta, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€841.71), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------